MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## LAURENCE QUINTANO

Seduta tal-11 ta' Gunju, 2008

Numru 24/2006

Il-Pulizija
(Spettur Martin Sammut)
(Spettur Carmelo Abdilla)

versus

Andre' Francois Buhagiar.

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra Andre' Francois Buhagiar ta' 25 sena, iben Joseph u Antonia nee' Caruana, imwieled fit-13 ta' Lulju 1980 Pieta' u residenti 78 Triq San Gorg Luqa ID 328880(M)

Akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer, nhar id-9 ta' Jannar 2006, f'xi ħin bejn it-8.15 am u 8.30 am ta' filghodu gewwa Triq il-Qalb Imqaddsa San Gwann

1. Volontarjament ħassar, għamel ħsara jew għarraq ħwejjeg ħaddiehor, mobbli jew immobbli u cioe vettura bin-numru tar-registrazzjoni CER 371 ta' l-għamla Mitsubishi, liema ammont ta' ħsara jiskorri il-LM500 għad-dannu ta' Carmela k/a Charmaine Camilleri u dan bi ksur ta' l-Artikolu 325 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Ikkommetta serq ta' diversi dokumenti u kif wukoll parti minn radju ta' karozza għall-ammont komplessiv li ma jeccedix il-LM100 minn gewwa vettura bin-numru tar-registrazzjoni CER 371 ta' l-għamla Mitsubishi għad-dannu ta' Carmela k/a Charmaine Camilleri, liema serq huwa kkwalifikat bix-'xorta tal-ħaga misruqa' u dan bi ksur ta' l-Artikolu 271 tal-Kap tal-Ligijiet ta' Malta;

3. Ikkaguna feriti ta' natura ħafifa fuq il-gisem ta' Carmela k/a Charmaine Camilleri, skond kif ccertifikat minn Dr M Vella MD u dan bi ksur ta' l-Artikolu 221 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

4. Hebb ghal Carmela k/a Charmaine Camilleri sabiex jingurjaha, idejjaqha jew jagħmillha hsara u dan bi ksur ta' l-Artikolu 339(1)(d) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

5. Ukoll talli sar recidiv b'sentenza tal-Qorti mogħtija nhar l-14 ta' Marzu, 2002 liema sentenza hija definittiva u ma tistax tinbidel.

Rat l-atti kollha tal-process inkluz l-interrogatorju ta' l-imputat fejn wiegeb li mhux ħati (fol 3); il-kunsens ta' l-Avukat Generali sabiex dawn il-proceduri jkunu sommarji; il-fedina penali ta' l-imputat a fol 9; ic-certifikat tat-twelid li jgib in-numru 3288 tas-sena 1980; ic-certifikat mediku maħrug minn Dr. Miriam Vella (Med Reg 2417) fol 23; dettalji dwar il-vettura Mitsubishi u lil min kienet tappartjeni (fol 34); l-istqarrija ta' l-imputat a fol 28 sa 30; id-dokument maħrug mill-Industrial Motors Limited a fol 31; dak mahrug mill-Manik Upholstery a fol 32; l-istima li tidher a fol 23; id-dokument maħrug mill-ADT a fol 26; id-dokument CA 8 a fol 40; l-ezami mill-gdid ta' l-imputat a fol 44 li bi qbil bejnil-prosekuzzjoni u d-difiza ma kienx hemm għalfejn jinstemghu il-provi li diga' instemghu;

kopja tas-sentenza mogħtija mill-Qorti ta’ l-Appell Kriminali fl-14 ta’ Marzu 2002; id-dikjarazzjoni magħmula minn Carmela Camilleri li ddikjarat bil-gurament li l-imputat kien ħallas ghall-ispejjez kkagunati lilha (fol 57) u d-dikjarazzjoni maghmula mid-difiza li l-vettura tal-marka Mitsubishi Pajero bin-numru tar-registrazzjoni CER 371 hija propjeta’ ta’ Carmela Camilleri.

Semgħet ix-xhieda bil-gurament.

Semgħet it-trattazzjoni ta’ l-abbli prosekutur u l-abbli difensur.

Ikkonsidrat li mic-certifikat pprezentat minn Dr. Miriam Vella, jidher illi Charmaine Camilleri kellha nefha, ħmura u tbengil madwar il-jog tal-ħalq fuq in-naħa tax-xellug u fuq il-qarquca tal-widna x-xellugija li jaqblu ma daqqiet ta’ ponn. Barra dan kellha gundalla u nefha fil-qurriegħa tar-ras li juri li xi hadd gibidha minn xagħarha.

Mill-istqarrija ta’ l-imputat a fol 28 ftit jirrizulta minħabba li ghal ħafna domandi ma wegibx. Huwa qal li kien kisser biss it-tieqa tal-karozza u li dan sar bi flixkun tal-Coca (fol 29). Anke meta kien konfrontat ma Charmaine Camilleri, hu baqa’ jgħid illi kien kisser biss it-tieqa tal-genb.

Xehed Christopher Darmanin, rapprezentant tad-Direttorat tal-Licenzji li qal li l-karozza CER 371 hija propjeta’ ta’ Charmaine Camilleri mill-Għargħur, ID 139071M.

Xehed PS 697 Nigel Arpa li qal illi kien sar rapport fid-9 ta’ Jannar 2006 ghall-ħabta tat-8.30am minn certu Charmaine Camilleri. Din kienet avvicinata mill-ex boyfriend tagħha li kien l-imputat u kellhom argument u dan għamillha hsara fil-vettura tagħha u kien ħadilha certu karti tal-vettura.

L-imputat kien qallu li dak il-hin kien qiegħed San Gwann u kien hemm ħanut jbiegħ l-snacks. Ix-xhud ried jivverifika jekk dan kienx veru u imbgħad l-imputat kien għajjatlu u qallu li kellu argument u kien għamel xi hsarat fl-imsemmija vettura. Ma dan PS 697 Nigel Arpa, l-

imputat kien ammetta. Ix-xhud kien ra ħsarat fil-windscreen.

Xehed Joseph Manicolo li kien għamel stima tal-hsara fuq il-karozza pero ma kienx ħadem fuqha.

Xehed Charles Camilleri li huwa parts manager ta' Industrial Motors u intwera d-dokumenti CA6 u qal li dawn kienu stima tal-parts. Dawn il-parts huma tal-Mitsubishi Pajero bin-numru CER 371. Ma jidhirx illi l-parts kienu inxtraw (fol 50).

L-ispettur Carmelo Abdilla u l-ispettur Martin Sammut pprezentaw sentenza mogħtija mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali, mill-Imħallef Dr. Joseph Galea Debono fl-ismijiet 'Pulizija Sp Josric Mifsud vs Andre' Buhagiar'.

Xehdet l-allegata vittma li qalet li kienet ħafret lill-imputat u li kien ħallasha tal-ħsarat kollha li kien għamillha (fol 59).

**Ikkonsidrat**

Dwar l-ewwel imputazzjoni, dwar il-hsara fil-vettura CER-371, hemm dawn il-provi:

(a) Li l-vettura hija tassew propjeta' ta' Carmela k/a Charmaine Camilleri;

(b) Dwar l-ammont tal-ħsara l-indikazzjonijet fic-cert huma dawk li ammetta l-imputat fl-istqarrija, cioe', li hu kisser it-tieqa biss u li kien ghamel xi hsarat fil-vettura kif ammetta l-imputat ma' PS 697 Nigel Arpa. Izda kemm kienu jammontaw ezatt m'hemm ebda prova. Il-Prosekuzzjoni pprezentat stimi izda jidher li x-xoghol qatt ma twettaq minn min ghamel l-istimi. Barra dan, l-allegata vittma xehdet li hija thallset tal-hsarat kollha bla ma indikat kemm kienet tammonta l-hsara.(Fol.98- 99).
Madankollu mill-istimi jidher li glass LH FR tiswa Lm79.20. Din il-hsara ammettieha l-imputat stess u ghalhekk il-Qorti ser tiehu dan il-valur meta tikkontempla l-piena skond l-artikolu 325 tal-Kap 9.

Dwar it-tieni imputazzjoni, jigifieri dwar serq ta' dokumenti u parti minn radju, mill-process ma tirrizulta ebda prova dwar dawn l-allegazzjonijiet u ghaldaqstant, il-Qorti qed tillibera lill-imputa minn din l-imputazzjoni.

Dwar it-tielet imputazzjoni – li l-imputa ikkaguna feriti ta' natura hafifa fuq Charmaine Vella, il-Prosekuzzjoni tellghet bhala prova c-certifikat tat-tabiba, izda l-allegata vittma ma xehditx dwar min kien ghamlilha l-griehi hfief. Ghaldaqstant, fin-nuqqas ta' provi li jorbtu l-girehi deskritt fic-certifikat mediku ma' l-imputat, il-Qorti qed tillibera lill-imputat minn din l-imputazzjoni.

U dak li ntqal dwar it-tielet imputazzjoni jghodd ***'mutatis mutandis'*** ghar-raba' imputazzjoni u ghalhekk il-Qorti qed tillera lill-imputa minn din l-imputazzjoni wkoll.

Il-hames imputazzjoni, dik tar-recidiva, ma gietx ippruvata ghaliex ghalkemm kienet prodotta sentenza fl-ismijiet 'Il-Pulizija versus Andre' Buhagiar', qatt ma saret il-prova ta' l-identita' ta' l-imputat u s-sentenza prodotta mkien ma fiha n-numru tal-karta ta' l-identita' ta' l-imputat odjern.

**Konkluzjoni**

Ghaldaqstant, il-Qorti, wara li rat l-artikoli 325(1)(b), 261(g), 271(g), 221(1), 339(1)(d) u 49 u 50 tal-Kap 9 qed issib lill-imputa hati ta' l-ewwel imputazzjoni biss u qed tilliberah mit-tieni, mit-tielet, mir-raba' u mill-hames imputazzjoni. Il-Qorti, flok qed tikkundanna lill-imputat, qed tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmel ebda reat ghal **tliet** snin mil-lum. Il-Qorti spjegat l-artikolu 22 tal-Kap 446 lill-imputat fi kliem semplici.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------